**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 11 t'April, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**
**vs**
**Mary Bonello, detentriċi tal-Karta ta' l-Identita` Maltija numru 627157M**

***Kumpilazzjoni Nru. 624/2016***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Mary Bonello u ċioè talli:

F'dawn il-Gżejjer, fil-perjodu ta' bejn Frar 2013 u Settembru 2014, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. Xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fl-artikoli ta' qabel l-Artikolu 184 ta l-istess sub-titolu tal-Kodiċi Kriminali;
3. Għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel dan taħt it-Titolu V tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata ghal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata Mary Bonello rregistrat ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hajta ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hi ngahtat zmien xieraq sabiex jekk riedet setghet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi t-tielet akkuza nghatat bhala alternattiva ghat-tieni akkuza u ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghda tinstab hatja dwarhom l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali netta taghha kif ukoll tal-ammissjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 183 u 184 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hatja thallas l-ammont ta' €668.07 rapprezentanti spejjez peritali. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**